**Iċ-Ċerimonji tal-Patt tas-Sindki tal-2021: Żomm id-data u rreġistra avveniment satellita!**

# "Lejn Ewropa aktar ġusta u newtrali għall-klima għal kulħadd"

**Iċ-Ċerimonja tal-Patt tas-Sindki Ewropew tal-2021 se ssir fis-7 ta' Ottubru 2021 online… u f'kull post fl-Ewropa!**

Billi ċ-Ċerimonja tal-Patt tas-Sindki tal-2020 kienet ikkanċellata ftit jiem qabel l-avveniment minħabba l-pandemija tal-COVID-19, aħna ninsabu ħerqana ħafna għall-edizzjoni tal-2021!

Iċ-Ċerimonja tal-UE ewlenija, ta' livell għoli se ssir online fis-7 ta' Ottubru 2021, b'diversi avvenimenti satellita madwar l-Ewropa kollha fil-ġimgħat madwar iċ-ċerimonja.



**NIMPENJAW, NINVOLVU, NAĠIXXU U NINTERAĠIXXU fit-triq lejn Glasgow**

F'April 2021, l-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki daħlet f'fażi ġdid, fejn uffiċjalment nediet l-ambizzjoni mġedda tagħha ta' Ewropa aktar ġusta u newtrali għall-klima.

Il-firmatarji issa jimpenjaw ruħhom biex jilħqu n-newtralità klimatika sal-2050, billi jimplimentaw miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima u jnaqqsu l-faqar enerġetiku permezz ta' tranżizzjoni ġusta. Dawn huma impenjati wkoll li jinvolvu liċ-ċittadini tagħhom, lin-negozji u lill-partijiet interessati lokali fit-tranżizzjoni, u b'hekk jikkontribwixxu għall-Patt Klimatiku Ewropew. Il-Patt Klimatiku Ewropew huwa inizjattiva madwar l-Ewropa li tistieden lil kulħadd jipparteċipa fl-azzjoni klimatika u jibni Ewropa aktar ekoloġika.

Sabiex tiġi ċċelebrata din il-fażi l-ġdida, il-kisbiet tal-Komunità u jsiru dibattiti dwar kif wieħed jista' jimpenja u jinvolvu ruħu, jaġixxi u jinteraġixxi għal Ewropa aktar ġusta u newtrali għall-klima, aħna se norganizzaw l-ewwel Ċerimonja tal-Patt tas-Sindki online!

Il-Kummissarju Ewropew għall-Enerġija s-Sra Kadri Simson u l-Viċi President Eżekuttiv għall-Patt Ekoloġiku Ewropew Frans Timmermans se jingħaqdu mas-Sindki, il-mexxejja lokali, il-Presidenti tar-Reġjuni, u r-rappreżentanti mill-muniċipalitajiet tad-daqsijiet kollha, f'din iċ-ċelebrazzjoni.

L-informazzjoni dwar il-ftuħ tar-reġistrazzjoni u l-aġenda daqt se jkunu disponibbli.

**Irreġistra l-Avveniment Satellita tal-Patt tas-Sindki tiegħek!**

L-avveniment se juri wkoll ir-rikkezza tal-azzjonijiet klimatiċi madwar l-Ewropa b'**avvenimenti Satellita deċentralizzati taċ-Ċerimonja li INTOM tistgħu torganizzaw** biex tiddiskutu l-isfidi lokali u tippromwovu l-viżjoni tal-Patt tas-Sindki għall-2050! **Ara hawnhekk** min jista' jissottometti avveniment, u kif jagħmel dan.

Minbarra s-sottomissjoni tal-avveniment tagħkom bħala Avveniment Satellita taċ-Ċerimonja tal-Patt tas-Sindki tal-2021, aħna nħeġġu lil kulħadd fil-Komunità biex jirreġistraw l-avvenimenti tagħhom fuq il-Pjattaforma Diġitali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, biex taqsmu l-ideat tagħhom, u tikkontribwixxu għat-tiswir mill-ġdid tal-Ewropa.

**#mayors4neutrality**
**#EUClimatePact**

**Mistoqsijiet?**

ceremony@eumayors.eu

*ritratt: Anete Lusina għal Pexels*